KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25 Tlieta 24 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN:
Daniel Galea - Accountant

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 24
REF: 23.4.2 Triq il-Bajtar
Is-Sindku nfurmat li xogħolijiet fi triq il-Bajtar bdew il-Ġimgħa l-oħra, u xogħolijiet fi triq il-Bonnijiet ser jibdew fit-2 ta' Diċembru.

**REF: 24.3.2 Korrispondenza - Skema-SPI.SC.6.2020-Finanzjament għal-kreazzjoni ta' spazju miftuħa fiċ-ċentru tal ibliet u irħula f'Malta u Għawdex**
Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa fejn ġie identifikat sit fi triq il-Farinal, u l-Kunsillier Camilleri kkonferma mal-Lands li l-art mhijiex ta' terzi u għalhekk kemm ssir l-applikazzjoni.

Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-Perit tal-Kunsill u mhux faċli nleħqu mad-*deadline* u għalhekk nistgħu nitfgħu stima. Is-Sindku żiedet tgħid li 85% jkun iffinanzjat mil-iskema u 15% mil-Kunsill. Spejjes mingħajr tagħmir huwa ta' madwar Eur 350,000 / Eur 400,000.

Fis-6.15 daħal għal laqgħa l-Kunsillier Howard

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsillier Cassar nforma li hemm qbil biex dan is-sit jkun spazju rikreattiv għax huwa sit li identifikat min leġislatura preċedenti, peress li hemm proġetti f'din iz-zona, ta' appartamenti, supermarkit eċċ.

**REF: 24.3.4 Korrispondenza - Skema SPI.SC.5.2020 Manutenzjoni ta' sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern**
Is-Sindku nfurmat li bħala skema ta' manutenzjoni, ser napplikaw għal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Fis-6.20 daħal għal laqgħa l-Viċi Sindku

**REF: 24.3.7 Kommunikazzjoni - PA/09958/18-demolition of existing public convenience**
Is-Sindku nfurmat li l-Perit tal-Kunsill ser jibda jipprepara biex jaħdem fuq it-tender.

**REF: 21.3.2 Kommunikazzjoni-Extension Change Request Review Board Decision Measure 4.4**
Il-Kunsillier Cassar staqsa kif bqajna fuq il-BOQ tar-*rubble wall* ta' San Pawl tal-Qlejja. Is-Sindku nfurmat li hekk kif ġie diġà deċiż mil-Kunsill fl-aħħar laqgħa, ħa nimxu mal-figuri tat-tender.

Fis-6.25 daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Rapa

**REF: 24.3.13 Kommunikazzjoni - Tabella Skola Santa Monica**
Il-Kunsilliera Cassar nforma li kif qbilna fl-aħħar laqgħa kif għandhom jsiru t-tabelli jista' jkun li qtilna ċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku. Għax triq ir-Rebbiegħa m'għadhiex *two-way.*

Saret diskussjoni, u li hemm bżonn li terġa ssir proposta dwar il-*flow* tat-traffiku.

**REF: 24.3.14 Kommunikazzjoni - Letter to establishments tables and chairs**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk irċevejnhiex il-pjanti mil l-istabbilimenti wara li nħarġet l-ittra. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mil-l-ewwel bdejna nirċievu l-pjanti però għad fadal. Dawk li eventwalment nibqgħu ma nirċevux, ser jintalbu mil-Perit tal-Kunsill.

**REF: 24.5.1 Bye Law Ġonna**
Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-ħlasijiet tal *bye-law* tal-ġonna għandhom jiġu riveduti sitt xhur oħra.

**REF: 24.4.5 – Proġetti**

Il-Viċi Sindku talab lil-Kunsillier Cassar biex jagħti spjegazzjoni fejn qal "Viċi jitfa bosta posts fuq il-paġna tal- Facebook tiegħu ta' proġetti li qed jsiru mil Kunsill, liema proġetti mhux qed jsiru mil-Kunsill".

Il-Viċi Sindku talab lil-Kunsillier Cassar biex jindika fejn hemm miktub dan fuq il-paġna tal-Facebook tiegħu, għax f'kull post li hemm imkien ma huwa kiteb li x-xogħol imsemmija qed isir mill-Kunsill Lokali tal-Mosta, anzi dejjem irringrazzja lil Ministru responsabbli mill-Infrastruttura u lil Infrastructure Malta. Fl-ebda ħin ma' insinwa li xogħol qed jsir mil-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar spjega eżempju ta' bankina quddiem tal-kafè li fejn il Viċi qed jgħid li trid tiġi pavimentata, li fl-ebda ħin il-Kunsill ma ddeċieda jew qabel li tali triq tiġi pedonali, din hija waħda minnhom.

Il-Viċi Sindku qal lil-Kunsillier Cassar li fl-intervent tiegħu li għamel fl-aħħar laqgħa referenza 24.4.5, irrefera għal-proġetti, u hemm posts li huma tiegħu personali u oħrajn taħt il-paġna ta' Viċi Sindku. Huwa spjega li bħal kull ċittadin Mosti għandu dritt jagħti l-opinjoni tiegħu personali fuq il-Facebook personali tiegħu.

Saret diskussjoni fuq din il-materja bejn il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cassar.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 24 .

Saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqraw *items* 25.5.2 Traffic Management Proposal Ta' Wejda; 25.5.1 Quarterly Financial Report 3: July - September 2020 u 25.7 Mozzjoni - Sanitization Kiosks fil-Lokalità tal-Mosta.

**25.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**25.3.1 Kommunikazzjoni – Availability ta' Enforcement Officers**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li peress li *availabilty* ta' *enforcement officers* huma ta' madwar 4 ġimgħat, dawk ir-residenti li jkollhom bżonn jagħlqu triq sempliċiment għal ftit siegħat biex eżempju jtellgħu sufan eċċ, jingħataw il-permess biex jagħlqu bil-*cones*.

Il-Kunsillier Howard, issuġġerixxa jekk resident jistax juża servizzi ta' *security guards* meta ma jkunx hemm uffiċjali ta' l-infurzar disponibbli.

Il-membri preżenti unanimament qablu mad-deċiżjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, kif wkoll biex tiċċekkja jekk residenti jistgħux jużaw servizzi ta' kumpaniji privati li joffru servizzi ta' *security guards.*

**25.3.2- Kommunikazzjoni - Fanali Antiki fuq Arblu**

Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa ntalab *update* ta' kemm swew il-fanali li kienu saru. €106.20 għal kul fanal biex jitneħħew il-fanali, u €1,160 eskluż il VAT għal kul fanal ġdid.
Għal dan il-proġett applikajna għal 60 lampa li ser jiġu jiswew €88,500.00.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tintbagħat emejl lil Kunsilliera, biex jaraw il-mudell, għax skond is-Segretarju Eżekuttiv u is-Sa.

Galea ma jidhrux bħal l-istess mudell li għamilna, imma l-kuntrattur qed jgħid li huma l-istess bħal ma diġà għamilna.

### 25.3.3 Kommunikazzjoni - Offerta għal Ġbir ta' Skart Domestiku imħallat

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa nibdew naħdmu fuq it-tender Offerta għal Ġbir ta' Skart Domestiku imħallat. Il-kuntratt li għandu bħalissa l-Kunsill ser jiskadi 6 xhur oħra.

### 25.3.4 Kommunikazzjoni - Polza tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa 2021

Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet emejl lil-Kunsilliera kollha biex jekk jixtiequ jżidu lil-membri tal-familja fil-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa, biex jibgħatu d-dettalji mil-aktar fiss.

Fit 8:25pm il-Kunsillier Gatt talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

### 25.3.5 Kommunikazzjoni - Quote LED Solar Belisha Lights Triq il-Ħtajriet

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien approva li *żebra crossing* tiċċaqlaq għal quddiem il-*clinic* Wied il-Għasel, u jiġu nstallati LED Solar Belisha Lights, liema kwotazzjoni hija ta' €2,596 VAT inkluż.

Il-membri preżenti unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

### 25.3.6 Kommunikazzjoni - Christmas Decorations 2020

Is-Sindku nfurmat li minħabba l-pandemija mhux ser tintalab għajnuna lil istabbilimenti biex jgħinu fi *sponsorship* għat-tiżjin tal-Milied, ħlief għal banek.
L-istabbilimenti ħa tintbagħtilhom ittra biex minflok, u min jrid, jagħti donazzjoni lil-Istrina.

### 25.3.7 Kommunikazzjoni – Triq mingħajr isem uffiċjali u estensjoni ta' Vjal il-Qalbiena Mostin, Il-Mosta

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-Street Naming Committee talbu l-Kunsill biex jsib isem biex napplikaw. Triq bla isem uffiċjali li tidħol għaliha minn Triq Ta' Żejfa, li qiegħda fiż-żona tal-Beżbiżija, il-Kumitat qiegħed jissuġġerixxi lill-Kunsill sabiex isib isem għaliha li hu addattat maż-żona.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex din il-materja tintbagħat emejl.

### 25.3.8 Kommunikazzjoni – Quotes Library Shelving

Is-Sindku nfurmat li l-librerija għandhom bżonn iktar *units* fejn jpoġġu l-kotba. Għal 16 il-unit tal-pine, installati u sprejjati, l-kwotazzjoni hija ta' €4,320 VAT inkluż.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

### 25.3.9 Kommunikazzjoni - BOQ's Triq Il-Bonnijiet u Trejqet il-Bajtar

Is-Sindku nfurmat li għal dan il-proġett ir-Reġjun ħa joħroġ fondi ta' €26,388.

### 25.3.10 Kommunikazzjoni - Triq Bla Isem - (Tal-Qares)

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-Street Naming Committee talbu l-Kunsill biex jsib isem biex napplikaw. Il-membri preżenti unanimament approvaw biex din il-materja tintbagħat emejl.

Fid 9:00 il membri preżenti unanimament qablu biex il-ħin tal-laqgħa jiġi estiż bi 15 il-minuta.

**25.3.11 Kommunikazzjoni – UIF Pending Projects as at 11 Nov 2020**
Is-Sindku nfurmat li l-fond tad-Development Funds sal 31 ta' Ġunju 2020 kien ta' €1,538,740.98. Meta taqta l-proġetti diġà approvati jifdal €944,184.59.

Il-proġetti approvati s'issa jammontaw għal €594,556.39, liema ammont jeskludi it-toroq Ġnejna u Dun Mikiel Xerri għax għad m'għandniex il-kwotazzjonijiet f'idejna.

25.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**25.4.1 – Bankini triq il-Kbira**
Il-Viċi Sindku nforma li Infrastructure Malta ser jagħmluhom konkos, u jekk il-Kunsill jixtieq jagħmilhom *paving* kemm joħroġ id-differenza, fejn il-Viċi żied jgħid li talab lil-kuntrattur kwotazzjoni tad-differenza. L-Viċi staqsa lil membri preżenti jekk jaqblux li l-bankini min fejn ta' Ċomba l-isfel jsiru *paved* u mhux bil-konkos.

Saret diskussjoni, u l-membri preżenti qablu biex malli l-Viċi jirċievi l-kwotazzjoni tad-differenza din il-materja terġa tiġi diskussa.

Il-membri preżenti ddiskutew triq il-Qares fejn qablu li ser immexxu bix-xogħol u ser nibgħatu ittra bl-avukat tal-Kunsill lil sid il-plot tal-kantuniera biex ninfurmawh li ma nistgħux nistennew aktar u li hu ser ikun responsabbli ta' kwalunkwe danni li hu jista jagħmel fit-triq meta jiżviluppa s-sit tiegħu.

**25.4.2 – Bnadar**
Il-Kunsillier Howard ġibet l-attenzjoni li l-bnadar fuq il-binja tal-Kunsill suppost jitnizzlu u jittellgħu kuljum mhux dejjem mtellgħin 24 siegħa.

**25.4.3 – Bejjiegħa tal-Fjuri**
Il-Kunsillier Deguara staqsa kif bqajna fuq il bejjiegħa tal-fjuri, li qed jkunu quddiem iċ-ċimiterju. Is-Sindku nfurmat li qed jduru uffiċjali ta' l-infurzar għax bil-liġi jistgħu joqgħodu sa 50 metru l-bogħod mil-entratura, u ma jistgħux jniżżlu affarijiet ma l-art.

**25.4.4 – Ħamiem**
Il-Kunsillier Deguara staqsa x'jista' jsir dwar l-bosta ħamiem li hemm fejn il-bank APS. Is-Sindku fakkret li din il-materja qegħda f'idejn l-AKL.

**25.4.5 – Triq Midbaħ**
Il-Kunsillier Deguara rrapporta li triq il-Mitbaħ kien hemm tabelli tan *no parking*. Is-Sindku nfurmat li hemm ser isir xogħol ta' bankini, u l-Kunsillier Deguara nforma li ma ġie ħadd jaħdem, ma sar l-ebda xogħol u għalhekk kien hemm ġurnata sħiħa parkeġġi mitlufin.

**25.4.6 – Claims**
Il-Kunsillier Cassar nforma li ltaqa l-bord tal-*claims*, u ingħata rapport tal-*claims* kollha li ġew evalwati.

25.5 **Rapporti**

**25.5.1 Quarterly Financial Report 3: July - September 2020**
L-accountant Daniel Galea ppreżenta ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, min Lulju sa Settembru 2020.

Paġna 4 - Dħul ta' €1,152,647 mqabbel ma baġit annwali ta' €1,596,745.
- Ħruġ ta' ftit inqas min €1,091,224 mqabbel ma baġit annwali ta' €1,552,237.
Tfaddil għal din is-sena ta' *surplus* rikorrenti ta' €61,423.

Paġna 7 - Allokazzjoni €1,039,061.
- Dħul min permessi €43,035.
- Dħul min kontravenzjonijiet €3,536 mqabbel ma baġit ta' €11,000. Dan it-tnaqqis fid-dħul huwa relatat mal-pandemija.
Flimkien ma dħul ġenerali id-dħul totali jammonta għal €1,152,647 mqabbel ma baġit ta' €1,596,745.

Paġna 8 Expenditure note 6
- Ħruġ ta' pagi, *allowances, bonuses, overtime* u sigurtà soċjali jammontaw għal €188,030, mqabbel ma baġit ta' €353,643. Dan il-baġit kien għal-impjegati l-ġodda li daħlu bejn Awissu u Ottubru, u mhux fil-bidu tas-sena.

Paġna 8 Operations and Maintenance note 7
- Baġit kien ta' €1,008,700 u l-infiq totali sa Settembru kien ta' €730,919.
- Kien hemm żieda fil-ġbir tal-Bulky fejn l-infiq kien ta' €26,653 mqabbel ma baġit ta' €18,000.
- Kien hemm żieda fil-ġbir fir-Refuse Collection ta' €9,884. Dan għaliex
- Road and Street Cleaning l-infiq kien ta' €104,484 mqabbel ma baġit €150,000.
- Parks & Gardens l-infiq kien ta' €67,419 mqabbel ma baġit €155,000, dan l-ammont kien hemm maħsub li jkun inkluż il-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Paġna 9 Receivables note 12
- Il-Kunsill kellu jirċievi €64,206 u għalkemm l-ammont fil-bank huwa ta' €1,550,535, wieħed tajjeb jinnota li l-allokazzjoni tar-raba kwart daħlet f'Settembru.

L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea nforma li bħalissa l-Kunsill qiegħed b'FSI ta' 43%

Il-membri preżenti unanimament approvaw Quarterly Financial Report 3: July - September 2020.

### 25.5.2 Traffic Management Proposal Ta' Wejda

Il-Viċi Sindku ppreżenta pjanti lil-Kunsilliera preżenti, u ta' spjegazzjoni tal-proposta tat-*traffic management* fta' Wejda.

Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti qablu li jintbagħatu ittri biex jiġu nfurmati r-residenti;

- Residenti ta' triq il-Kultellazz, Bufula l-Ħamra u Zakkak
- Residenti ta' triq Stringell
- Residenti tad-Dip u Wejda

Il-Viċi Sindku ħa jipprovdi noti u punti lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitniżżlu fl-ittri inkluż pjanta.

25.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

25.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 110.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 28 ta' Ottubru 2020 sal-24 ta' Novembru 2020.

25.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

25.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

25.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri x-xahar ta' Ottubru 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

25.7 Mozzjoni- Sanitization Kiosks fil-Lokalità tal-Mosta

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-mozzjoni li qed tiġi annessa bħala Appendiċi A, u stiednet lil-Kunsilliera Rapa, Micallef u Zerafa biex jagħmlu l-intervent tagħhom bħala firmatarji tal-mozzjoni.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li fil-każ ta' skejjel dawn diġà għandhom *sanitizers* għax id-dipartiment ta' l-Edukazzjoni obbligat li jfornihom apparti li kull skola għanda baġit u fond li tista' tonfoq fiż-żmien il-COVID, bħalma għandhom dipartimenti oħra tal-Gvern.
F'każ ta' ġonna il-Kunsillier Camilleri ppreżenta figuri ta' prezzijiet fejn *sanitizer unit heavy dut*y li teħel ma l-art tiswa madwar €99, il-prezzijiet imbagħad jinbidlu u jogħlew meta tiġi biex timla dawn il-*units*.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex inġiebu kwotazzjonijiet ħa naraw x'*running costs* hemm.

25.8 Laqgħa Pubblika

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew linja gwida dwar jekk hux ħa ssir il-laqgħa pubblika minħabba l-pandemija. Infurmat lil membri preżenti li attendiet laqgħa, u ġie deċiż li sakemm ma jkollniex struzzjonijiet oħra, il-pubbliku jiġi mistieden jattendi onlajn.
Għalhekk bħal ma jsir kull sena ser jintbagħtu l-ittri lir-residenti Mostin, u min jkun jrid jattendi l-laqgħa pubblika onlajn, jibgħat jirreġistra it-talba lil-Kunsill.

### 25.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-29 ta' Diċembru 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 24 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |